MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 736/2002

**Anthony u Yvette konjugi Guillaumier**

vs

**Charles u Maria Salvina sive Mary konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Gunju, 2002 li biha l-atturi ppremettew illi l-konvenuti kienu krew l-fond "Bella Romagna", gia "Lines Restaurant'", f'3 Ghomor Street, San Giljan minghand l-atturi konjugi Guillaumier skond il-kuntratt Dok "A" hawn anness;

Ippremettew illi a tenur tal-klawsola numru ghaxra (10) tal-kuntratt Dok "A", *"should the lessees remain in default of payment of rent for one term of six months or the*

*equivalent, for one month from the date of notification of a judicial letter sent by the lessors to the lessees requesting payment of rent due, the lessors will have the right to rescind without any further warning this agreement ipso jure without prejudice to any other civil rights at law".*

Ippremettew illi l-konvenuti baqghu moruzi fil-hlas ta' izjed minn skadenza wahda ta' kera jew ammont ekwivalenti, tant li l-ammont ta' kera u spejjez ohra dovuti lill-atturi mill-konvenuti illum huwa ta' cirka ghaxart elef Lira Maltija (LM10,000), bl-ahhar pagament da parti tal-konvenuti jkun f'Jannar ta' 2001 akkont tal-perijodu Frar 2001 sa Awissu 2001;

Ippremettew illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, b'ittri ufficjali datati 2 ta' Ottubru, 2001, ta' 1 ta' Marzu, 2002 debitament notifikati, sabiex ihallsu l-imsemmija arretrati u minkejja li weghdu li kienu ser ihallsu l-kera dovuta, l-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti u ghalhekk tezisti is-sitwazzjoni prevista mill-klawsola numru ghaxra (10) tal-kuntratt Dok "A";

Ippremetew ili b'ittra ufficjali prezentata fil-21 ta' Mejju, 2002, l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jizgombraw mill-imsemmi fond izda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ippremettew illi huwa applikabbli l-artikolu 167 (1)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, kif jidher mill-Affidavit ta' Anthony Guillaumier hawn anness Dok X.

Talbu ghalhekk l-atturi biex ighidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, previa ull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

(1) Tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 (1)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tordna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond "Bella Romagna", gia "Lines Restaurant" f'3, Ghomor Street, San Giljan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali tat-2 ta’ Ottubru, 2001, ta’ l-1 ta’ Marzu, 2002 u ta’ l-21 ta’ Mejju, 2002 kontra il-konvenuti li minn issa huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat a tenur ta’ l-artikolu 756 (1) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Kompetenza Civili (Kap 12) illi l-kera ghaz-zmien li kien ghad fadal sabiex tispicca l-kirja jeccedi l-hamest elef lira Maltija (LM5,000).

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumacia u ma ressqu ebda ragunijiet biex jikontestaw il-kawza;

Semghet ix-xhieda ta’ l-atturi;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut, b’dan li l-konvenuti ghandhom jizgumbraw mill-fond in kwistjoni fi zmien tlett xhur mil-lum.

**IMHALLEF**

**D/REG**